IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru38 (tmienja u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Tlieta 31  ta' Awwissu, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Skużat:** | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**38.1. Item Nru 38.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

38.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10pm u s-Sur Valvo informa li mhux ser ilaħħaq minħabba impenji oħra. Kulħadd qabel li jkun ikkunsidrat skuzat.

**38.2. Item Nru. 38.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni

Kien hemm korrezzjoni mis-Sa. Rosabelle Pulis u tizdied minuta:
37.4.8 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk dan l-aħħar ġimgħat il-qtugħ ta' ħaxix sar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u sar tajjeb ħafna, nistghu nieqfu nhallsu lill-kuntattur tal-qtugħ ta' ħaxix u jibda jsir dejjem mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-segretarju qal li l-ħaxix jista' jitwaqqaf mill-ispecs tat-tender tal-knis u jibda jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Wara din il-korrezzjoni l-Minuti ġew approvati.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1380 – Malta
Tel: 21693839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**38.3 Item Nru. 38.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku qal li ser nibdew naħdmu fuq il-ħitan tas-sejjiegħ mil-ġimgħat li ġejjin.

38.3.2. Is-Sur Attard qal li ġie infurmat minn Clayton Damata tal-Perit Bezzina li l-ispecs ser jintbgħatu llum. Issa kif ikunu għandna ngħadduhom direttament lil Infrastructure Malta minnufih biex jibdew jiddraftjaw it-tender. IM għandhom jagħmlu dan fi żmien ġimgħa imbgħad wara isir l-istess għal ħadid tax-xatt.

38.3.3. Is-Sindku tkellem fuq l-irwejjaħ tad-drenagg mil-impjant tal-SSTP u qal li s-Segretarju bgħat lil Ministru Miriam Dalli wara l-aħħar laqgħa pero għadna bla risposta. Huwa assigura li ser jerġa jibgħatilha u ssir laqgħa mil-aktar fis.

38.3.4 Is-Sindku qal li kellu stedina mis-Sindku ta' Paterno fi Sqallija fejn kienet mistiedna wkoll il-Viċi Sindku. Huwa qal li mar u kellu akkoljenza tajba ħafna. F'din iż-żjara huwa tkellem mas-Sindku u l-Assessore fejn dawn jixtiequ nibnu relazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet sabiex inkunu nistgħu nagħmlu exchanges ta' gruppi u jagħmlu esperjenzi ġodda. Is-Sur Attard qal li s-Sindku ta' Paterno wera x-xewqa li jigu Malta f' Novembru u għalhekk jekk kulħadd jaqbel nagħmlulhom stedina u l-Kunsill jieħu ħsieb biex iħallas l-akkomodazzjoni u ikel. Is-Sindku qal li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa sabiex ikollna aktar dettall fuq il-benefiċċji li nistgħu nieħdu minnha bħala Kunsill. Kulħadd qabel ma' dan.

38.3.5 Is-Sur Neil Attard tkellem fuq Miss Universe u qal li s-Sa. Christine Pisani ser tkun qed tirrappreżenta x-Xgħajra għal dan il-Konkors. Hu ppropona li bħala kunsill nuru gratitudni u niffinanzjaw il-libsa ta' din il-mudella. Din il-libsa ser tiġi tista madwar €550. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

Sostpensjoni tal-laqgħa 18.04

Titkompla l-laqgħa 18.32

**38.4 Item Nru 38.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

38.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet fuq il-ħajt ta' fejn il-Milord fiex waslu l-Public Works. Is-Segretarju qal li hu għadda d-dettalji tar-resident u kellhom jiltaqgħu miegħu.

38.4.2 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet dwar ir-reserved parking ġdid li sar fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja biex tara jistax jiċċaqlaq minn fejn hu. Is-Segretarju qal li bgħat lil TM biex ikollu dettalji tal-persuna li applikat għal din ir-reserved.

38.4.3 Is-Sa. Doris Borg staqsiet fuq il-ħajt ta' fejn ir-roundabout int u dieħel ix-Xgħajra għaliex jinsab perikoluż. Is-Segretarju qal li dan ser isir bl-għajnuna tal- Onorevoli Oliver Scicluna fejn tkellem anke hu wara Transport Malta.

38.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu nagħmlu xi manutenzjoni temporanja fil-bandli fejn hemm ir-rubber għaliex hemm minnhom neqsin. Is-Sindku qal li nistgħu nippruvaw bl-expandable foam forsi jiġi aħjar.

38.4.5 Is-Sa. Borg staqsiet fuq il-plot tal-Gvern li hemm fi Triq Karmelo Ritchie u qalet nistgħux nagħmlu xi pots jew bankijiet. Is-Sindku qal li idea tajba li nagħmlu xi pots biex nagħtu dehra isbaħ u forsi xi 2 bankijiet.

38.4.6 Is-Sa. Borg staqsiet fuq il-bye laws tal-caravans kif bqajna. Is-Sindku qal li s'issa għadna xejn għaliex ser issir liġi li tapplika għal Malta kollha.

38.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nordnaw bukkett fjuri sabiex jitqiegħed quddiem il-Madonna tal-Grazzja issa li ġejja l-Festa. Kulħadd qabel ma' dan.

38.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux niżbru s-siġar tal-ġnien ta' Triq Orlando Żabbar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ix-xogħol ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

38.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistax isir culvert fil-kantuniera ta' Triq l-Iskola ma' Triq il-Fortizza tal-Grazzja għaliex qed jidħol l-ilma fil-farmhouse li hemm fil-kantuniera. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jitkellem mal-ħaddiema u naraw x'jista jsir.

38.4.10 Is-Sa Borg staqsiet fuq il-Librerija meta ser tiftaħ. Is-Segretarju qal li ħarġet is-sejħa għal librara prospettivi u irċevejna 25 applikazzjoni. Is-Sa. Borg offriet li tagħmel short listing sabiex eventwalment isiru l-interviews.

**38.5 Item Nru. 38.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

38.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**38.6 Item Nru. 38.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

38.6.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn isir cint żgħir fejn il-milord li ser jiġi jiswa €150. Kulħadd qabel li jsir biex nevitaw il-periklu.

**38.7 Item Nru. 38.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

38.7.1 Pagamenti b'numru 105 ġew approvati unanimament.

**38.8 Item Nru. 38.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

38.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

IX-XGĦAJRA

**38.9 Item Nru. 38.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

38.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.07pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1380 – Malta
Tel: 21693839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt